

31989L0100

L 38/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.2.1989

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Jannar 1989

li temenda l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti għall-għalf

(89/100/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti għall-għalf⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 88/380/KEE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Billi, minħabba l-kondizzjonijiet tal-kultivazzjoni u l-karatteristiċi morfoloġiċi tagħha, iż-żerriegħa tal-*meadow foxtail* (*Alopecurus pratensis*) fiha proporzjon relattivament għoli ta' żerriegħa ta' l-ispeċi *poa*;

Billi, għaż-żerriegħa tad-denb il-ġurdien, huwa konsegwentement diffiċli li jinkiseb, fir-rigward taż-żerriegħa ta' l-ispeċi *poa*, il-kontenut massimu skond il-piż ta' 1 % ta' żerriegħa jew ta' l-ispeċi ta' pjanta unika ta' pjanta oħra elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 66/401/KEE;

Billi għaż-żerriegħa tal-pjanta tal-ħafur (twil) (*Arrhenatherum elatius*) u l-pjanta tal-ħafur (tad-deheb) (*Trisetum flavescens*), li juru karatteristiċi morfoloġiċi simili, dan il-massimu ta' 1 % ma japplikax għaż-żerriegħa ta' l-ispeċi tal-*poa*;

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp fl-għarfien tekniku, huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat l-Anness II tad-Direttiva 66/401/KEE sabiex isiru l-istess disposizzjonijiet għaż-żerriegħa tad-denb il-ġurdien;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni ta' l-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjali tal-Propagazzjoni għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness II tad-Direttiva 66/401/KEE, il-parti I, is-sezzjoni 2 (A) ("Tabella"), il-kolonna 6 ("Il-purezza analitika - kontenut massimu ta' żerriegħa ta' pjanti ta' speċi oħra (% skond il-piż) - speċi unika"), wara "1,0" mogħtija għall-*Alopecurus pratensis*, "(f)" hija miżjuda.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1990. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, l-20 ta' Jannar 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU tal-125, 11.7.1966, p. 2298/66.

⁽²⁾ ĠU L 187, tas-16.7.1988, p. 31.